IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

11 ta' Novembru 2016
104/2016

# RETTUR ĠDID GĦAS-SEMINARJU TAL-ARĊISQOF

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Albert Buhagiar bħala Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù.

Dun Albert Buhagiar twieled fid-19 ta' Awwissu 1964. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja ta' Raħal Ġdid, il-Kulleġġ tal-Karmelitani, Santa Venera, u l-Kulleġġ De La Salle, il-Birgu. Kompla l-istudji terzjarji fil-Filosofija u t-Teoloġija, fl-Università ta' Malta.

Dun Albert ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' Lulju 1993. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet fil-Parroċċa tal-Gżira bħala viċi-kappillan. Sentejn wara huwa nħatar viċi-kappillan fil-Parroċċa taż-Żejtun, u fl-1996 inħatar segretarju personali tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Fl-istess żmien, huwa wettaq ukoll ħidma pastorali fil-parroċċi ta' Marsaskala u Ħal Luqa. Fl-2002 huwa nħatar Arċipriet tal-Parroċċa tas-Siġġiewi. F'Novembru tal-2011 huwa nħatar Arċipriet tal-parroċċa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, il-Mosta.

Fil-preżent, fis-Seminarju tal-Arċisqof hemm 23 seminarista li qed jiddixxernu l-vokazzjoni tagħhom u jħejju ruħhom għas-saċerdozju.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**